MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 289/2002/1

***"A"* f'isimha propju u bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri *"B"***

**vs**

***"C"***

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta' Marzu 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici u l-konvenut izzewgu fil-hmistax (15) ta' April tas-sena elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) fil-Knisja Parrokjali ta' Bormla, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A";

Illi miz-zwieg taghhom huma kellhom tifla wahda ***“B”***, li twieldet fit-tmienja (8) ta’ April tas-sena elf disa’ mija sitta u disghin (1996), kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. “B”;

Illi l-hajja konjugali bejn l-attrici u l-konvenut saret impossibbli minhaba adulterju, sevizzi, minacci, insulti w ingurji gravi kommessi kontra l-attrici mill-konvenut, u minhabba li z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabilment;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet, l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi f’din l’istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali u dana skond Digriet moghti minn dik il-Qorti fl-4 ta’ Novembru 2001, liema Digriet igib in-numru elf sitt mija u erbgha tas-sena elfejn u wiehed (1604/2001), hawn anness u mmarkat bhala Dok. “C”;

Illi, l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti konjugi ***“A + C”*** minhabba adulterju, sevizzi, minacci, insulti u ingurji gravi li l-konvenut ikkommetta kontra martu l-attrici, u/jew minhabba li z-zwieg taghhom tkisser irremedjabilment ;

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

3. Tillikwida din il-kommunjoni ta’ l-akkwisti billi tiddikjara li tikkonsisti f’dak kollu li jirrizulta waqt it-trattazzjoni ;

4. Taqsam din il-komunjoni ta’ l-akkwisti hekk likwidata f’zewg porzjonijiet, mhux necessarjament ugwali, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, u jigi nominat nutar sabiex jircevi u jippubblika l-att relattiv, u kuratur ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

5. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri ***"B"*** lill-attrici, salv l-access tal-konvenut taht dawk il-provvedimenti illi din il-Qorti jidrilha xierqa;

6. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attrici, ghalih u ghal binthom minuri ***"B"***, dik ir-retta alimentari li tigi ffissata mill-Qorti, u dan taht dawk il-modalitiajiet ta' lok, hin u zmien li tordna wkoll din il-Qorti;

7. tapplika kontra l-imsemmi konvenut *in toto* jew *in parte* l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili**, u fl-ahhar nett;

8. Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha u *cioe'* ***"D"***.

Bl-ispejjez komprizi dwak tal-proceduri inkorsi quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u fol. 4 tal-process.

Rat il-verbal datat 8 ta' Ottubru 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut ***"C"*** datata 12 ta' Novembru 2002, a fol. 17 fejn ecebixxa bir-rispett:

1. Illi fir-rigward ta' l-ewwel premessa huwa minnu li ***"A"*** u ***"C"*** inghaqdu fiz-zwieg nhar il-hmistax t'April 1994 pero' m' huwiex minnu li dan iz-zwieg tkisser irremedjabilment minhabba r-ragunijiet ta' adulterju, servizzi, minacci, insulti u ingurji gravi da parti tal-konvenut, anzi il-kagun tat-tkissir taz-zwieg huwa proprju l-adulterju da parti ta' l-istess attrici ;

2. Illi l-ewwel talba attrici ghandha tintlaqa' biss minhabba htija da parti ta' l-attrici u dan kif ser jigi ppruvat tul is-smigh tal-kawza ;

3. Illi kwantu ghat-tieni u t-tielet talba attrici l-konvenut jaqbel li ghandha tigi likwidata u dikjarata xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ;

4. Illi kwantu ghar-raba talba ta’ l-attrici m’ghandhiex tintlaqa t-talba ta’ l-attrici u dan peress illi kienet l-attrici stess illi abbandunat ghal kollox il-htigijiet matrimonjali tal-familja ***“A + C”***, u ghalhekk il-Komunjoni ta’ l-Akkwisti ghandha tirrispekkja proporzjonalment il-hidma ta’ kull naha ;

5. Illi kwantu ghar-raba talba kienet l-attrici stess li ghal diversi xhur ma tatx kaz il-htigijiet u l-bzonnijiet tat-tifla minuri ***“B”*** fejn kien l-istess konvenut li ha hsieb it-tifla kontinwament kif ser jigi muri tul is-smigh tal-kawza ;

6. Illi l-hames talba attrici m’ghandhiex tintlaqa’ u dan peress illi l-attrici qieghda tara kontinwament ragel iehor u dan zgur m’huwiex tajjeb ghat-trobbija ta’ l-istess tifla ***“B”*** li gieli kienet anki fil-presenza ta’ dan l-istess habib intimu ta’ l-istess attrici; illi s-sitt talba ghandha tigi michuda *in toto* u dan peress illi l-konvenut presentement spicca minghajr impieg u li *inoltre* l-attrici abbandunat id-doveri taghha lejn il-familja u marret ma’ ragel iehor kif ser jigi ppruvat tul is-smigh tal-kawza ;

7. Illi in kwantu ghas-seba’ talba attrici l-**artikoli 48 u 55 tal-Kodici Civili** m’ghandhomx japplikaw ghall-konvenut imma ghandhom japplikaw ghall-attrici li kienet hi li abbandunat id-dar konjugali, abbandunat lill-istess zewgha u uriet bic-car li ma kinitx aktar interessata fiz-zwieg mal-konvenut skond l-obbligi legali li hi kellha versu lejh, u kwindi s-seba talba attrici ghandha tigi applikata favur il-konvenut u kontra l-attrici ;

8. Illi in kwantu ghat-tmien talba il-konvenut ma jsib ebda oggezzjoni ghal dan.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol. 19 u fol. 20 tal-process.

Rat il-verbal datat 7 ta’ Jannar 2003.

Rat il-verbal 18 ta' Frar 2003, fejn inghata digriet ta' nota guramentata, digriet affidavit attrici u digriet affidavit konvenut b' terminu ta' erbghin (40) gurnata. Il-Qorti nominat lil Dr. Chris Soler bhala Perit Legali.

Rat in-nota tal-attrici ***"A"***, datata 28 ta' Frar 2003, a fol. 30 u fol. 31 li permezz taghha elenkat il-pretensjonijiet taghha.

Rat in-nota tal-attrici ***"A"***, datata 28 ta' Marzu 2003, a fol. 33, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha u dawk ta' ***"E"*** u ta' ***"F"***.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 9 ta' Gunju 2003, a fol. 57, fejn talbet bir-rispett li din Qorti biex joghgobha tezenta lil rapprezentanti tal-banek lokali mis-sigriet professjonali.

Rat id-digriet datat 10 ta' Gunju 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba b' dan li tali xhieda tkun disponibbli biss lill-partijiet, lid-difensuri taghhom u lill-Perit Legali.

Rat ir-rikors tal-Perit Legali Dr. Chris Soler datat 10 ta' Gunju 2003, a fol. 61.

Rat id-digriet datat 11 ta' Gunju 2003, fejn il-Qorti ordnat lil Perit Legali biex jispjega ezatt x' kien qed jitlob.

Rat in-nota ta' Dr. Chirs Soler datata 17 ta' Gunju 2003, a fol. 63.

Rat id-digriet datat 18 ta' Gunju 2003, a fol. 69, fejn il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-partijiet bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-attrici ***"A"*** datata 9 ta' Lulju 2003, a fol. 71 tal-process.

Rat id-digriet datat 21 ta' Lulju 2003, a fol. 72, fejn il-Qorti ordnat li kellhom jigu ffissati zewg seduti ghall-provi kollha tal-konvenut, filwaqt li cahdet it-talba biex tigi sflizata x-xhieda ta' ***"G"***.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 9 ta' Lulju 2003, a fol. 77 fejn talbet bir-rispett li din il-Qorti biex joghgobha tawtorizzaha tinnotifika lill-konvenut u lil ***"H"*** wara l-hin legali.

Rat id-digriet datat 10 ta' Lulju 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 18 ta' Settembru 2003, a fol. 82 fejn talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza lill-Perit Legali Dr. Chris Soler sabiex jiffissa seduta ohra, f' liema seduta jkunu jistghu jinstemghu x-xhieda kollha li kien ghad fadal da parti tar-rikkorenti.

Rat id-digriet datat 19 ta' Settembru 2003, a fol. 84 fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat ir-rikors tal-attrici ***"A"*** datat 10 ta' Ottubru 2003, a fol. 86 fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti sabiex joghgobha tawtorizzha tharrek xhud iehor sabiex jaghti x-xhieda tieghu rigward it-trasferiment ta' vettura u dan fis-seduta li giet appuntata sabiex jingabru l-provi tal-konvenut.

Rat id-digriet datat 13 ta' Ottubru 2003, a fol. 87 fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat ir-rikors tal-attrici ***"A"*** datat 16 ta' Ottubru 2003, a fol. 89, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex joghgobha tohrog mandat ta' skorta fil-konfront tar-rapprezentat ta' Brian's Tyre Services Limited u dan sabiex jixhed fis-seduta li kienet giet appuntata sabiex jingabru l-provi tal-konvenut.

Rat id-digriet datat 20 ta' Ottubru 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat ir-rikors tal-Perit Legali Dr. Chris Soler datat 5 ta' Novembru 2003, a fol. 92.

Rat id-digriet datat 6 ta' Novembru 2003, a fol. 95 fejn il-Qorti ordnat li jigu ffissati s-seduti mill-Perit Legali b' ordni tal-Qorti u li l-avviz jintbaghat lid-difensur tal-konvenut.

Rat ir-rikors tal-Perit Legali Dr. Chirs Soler datat 7 ta' Novembru 2003, a fol. 97.

Rat id-digriet datat 11 ta' Novembru 2003, fejn il-Qorti ordnat lil Perit Legali biex jimxi bl-inkarigu lilu moghti.

Rat il-verbal datat 3 ta' Dicembru 2003, fejn il-Perit Legali Dr. Chris Soler informa lil Qorti li l-provi kollha ngabru u kien qed jirredigi r-rapport.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 21 ta' Jannar 2004 fejn talbet lil din il-Qorti biex joghgobha tvarja d-digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili nhar l-4 ta' Novembru 2001 li jgib in-numru 1604/01 u dan billi tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut ma ghandux ikollu iktar dritt ta' access ghall-minuri ***"B"***.

Rat id-digriet datat 23 ta' Jannar 2004 fejn giet ordnata n-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat id-digriet datat 10 ta' April 2005, fejn il-Qorti rrevokat contrario imperio d-digriet tat-23 ta' Jannar 2004, u kellha tiehu konjizzjoni ta' l-istess u tipprovdi dwar l-istess fid-decizjoni fuq il-kawza.

Rat il-verbal datat 12 ta' Frar 2004.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Chris Soler minn fol. 102 sa fol. 130.

Rat ir-rikors tal-attrici ***"A"*** datat 24 ta' Gunju 2004, a fol. 167, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex joghgobha tawtorizzaha tinnotifika lill-konvenut bil-procedura tal-affissjoni.

Rat id-digriet datat 28 ta' Gunju 2004, fejn il-Qorti laqghat it-talba w ordnat tali notifika *ai termini* tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap. 12**.

Rat il-verbal datat 4 ta' Mejju 2005 fejn il-Perit Legali Dr. Chris Soler halef ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Chris Soler minn fol. 174 sa fol. 187.

Rat il-verbali datati 2 ta' Novembru 2004 u 17 ta' Marzu 2005.

Rat ir-rikors tal-attrici ***"A"***, datat 18 ta' Marzu 2005, a fol. 190, fejn iddikjarat li hija ma kellhiex iktar provi xi tressaq u ddikjarat li hija taqbel mal-konkluzjonijiet tal-Perit Legali salv ghal dak li nghad, u talbet bir-rispett lil din il-Qorti sabiex trrikjama l-kawza ghal data ohra aktar vicina u jekk ikun il-kaz din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 18 ta' Marzu 2005, fejn cahdet it-talba *stante* pressjoni ta' xoghol.

Rat il-verbal tad-19 ta' Ottubru 2005 fejn il-konvenut msejjah diversi drabi baqa' ma deherx, u Dr Marco Ciliberti ghall-attrici prezenti talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza u rrimetta ruhu ghar-rapport tal-Perit Legali. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Marzu 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ix-xhieda prodotta.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJUET.

Illi l-**attrici** xehdet permezz ta' affidavit ippresentat minnha qabel ma gie nnominat l-esponent perit legali. F'dan l-affidavit l-attrici tispjega illi l-konvenut kien jiddejjen ma' hafna nies u li hi kien ikollha xi tghid mieghu dwar dan. *Inoltre*, l-attrici tallega li l-konvenut kellu l-vizzju tal-loghob u kien jghir hafna b'rizultat illi kien ikun vjolenti anke fizikament fil-konfront ta' l-attrici, li f'xi cirkostanzi kellha tinghata l-kura mehtiega fic-centru tas-sahha. Madankollu, l-attrici spjegat illi, bl-isperanza illi l-konvenut jinbidel maz-zmien, hi zzewgitu fil-15 t'April 1994 fil-knisja Parrokjali ta'

Bormla. Wara z-zwieg il-konjugi ghexu ghand il-genituri ta' l-attrici. Il-konvenut, *beach cleaner,* f'certu stadju kien iddecida illi jiehu opportunita' ta' skema li kien hareg il-gvern u ghal elf lira Maltija (LM 1,000) waqaf jahdem. Wara qatt ma hadem, ghex bir-*relief* u gie *'boarded out'. Ad insaputa* ta' l-attrici u *nonostante* l-fatt li ma kellu l-ebda introjtu, il-konvenut baqa' jiddejjen. L-attrici allegat ukoll illi kien iffalsifika l-firma taghha izda qatt ma hadet passi dwar dan. Konsegwenza ta' dan l-agir, l-attrici spjegat, il-krédituri kienu jigu d-dar u jippretendu li l-attrici thallashom. In konnessjoni ma' dan, l-attrici hija konvenuta f'kawzi separati istitwiti minn terzi, minn kredituri, liema kawzi ghadhom pendenti. L-attrici allegat ulterjorment illi kien ittrasferiet LM 2,000 mill-kont personali taghha ghall-kont kongunt, liema flus ittiehdu mill-konvenut bla ma' kienet taf hi.

Illi hija tghid ukoll li l-vettura Seat Ibiza akkwistata waqt iz-zwieg ghosfrot u l-konvenut qal lill-attrici li kienet giet skrappjatha. Inxtrat Seat Ibiza ohra registrata fuq isem l-attrici u l-konvenut ha din il-vettura meta l-konjugi sseparaw *de facto*. Meta saru d-djun fuqha u l-attrici irrikorriet ghand il-Pulizija, il-vettura giet ittowjata. L-attrici tallega ulterjorment illi l-konvenut kien seraq oggetti tad-deheb u flus mid-dar t'ommha, id-dar matrimonjali. Hu kien ammetta m'ommha illi seraq erba' mija u hamsin Liri Maltin (Lm450). Mitejn u hamsin Liri Maltin (Lm250) mislufin minn ommha qatt ma gew ritornati. Gie ffalsifikat u msarraf *cheque* tal-pensjoni ta' ommu wkoll. Omm l-attrici tat il-flus lill-konvenut sabiex ihallas il-kontijiet tad-dawl u ta' l-ilma, izda dan kien juzahom ghall-uzu personali tieghu u ma kienx ihallas dawn id-djun. Sabiex taqta' minn xi dejn illi kien ghamel il-konvenut, l-attrici tghid illi ikkonsenjat xi oggetti lil Chris Cassar.

Illi l-attrici tghid illi kemm ommha kif ukoll ohtha ***"F"*** raw lill-konvenut jaggredijha. Ohtha ***"F"*** ikkonfermat, fl-affidavit taghha, illi l-konvenut ma kienx jahdem, kien jiddejjen regolarment u semmiet terzi persuni kredituri tieghu, u wkoll iriferiet ghall-vjolenza ezercitata mill-konvenut fuq ohtha l-attrici. ***"F"*** ikkonfermat illi, peress illi kellha prokura, kienet dejjem hi li ffirmat cheques ghan-

nom t'ommha u ghalhekk il-firma 'A.***"D"*** ma setghetx kienet t'ommha. Hu l-attrici, ***"E"***, wkoll ikkonferma illi l-konvenut kien jiddejjen spiss, tant illi jiftakar illi kienu jircevu telefonati d-dar minn kredituri. Jiftakar ukoll illi hu raha lill-konvenut ikun vjolenti ma' l-attrici mhux biss fid-dar t'ommu izda anke fil-pubbliku.

Illi l-krudelta`, it-theddid u l-ingurji jilhqu l-quccata taghhom meta l-attrici kienet tqila u kienet kostretta torqod ma' l-art. Cjo' nonostante l-attrici la qatt ma ghamlet rapport u lanqas ma esibiet l-ebda certifikat mediku in sostenn tas-suespost. Hi izzid illi l-konvenut ghamel xi zmien rikoverat f'Monte Carmeli u wara z-zwieg kien taht il-kura tal-psikjatra David Cassar. It-tifla ***"B"*** ukoll soffriet trattament hazin frott ta' l-irresponsabilita' ta' missierha. F'dan il-kuntest, l-attrici tghid illi fil-hinijiet ta' access il-missier jesponijha ghal presenza ta' nisa ohra. Aghar minn hekk, l-attrici tikkontendi illi ma tafx fejn qed joqghod il-konvenut. Dan huwa minnu ghaliex, waqt is-seduti, kienu diversi t-tentattivi ta' sahansitra l-Avukat tieghu Dottor Mark Attard Montalto sabiex jikkomunika mieghu u jinformah bil-kors tal-kawza u bis-seduti li kienu qed jinstemghu quddiem l-esponenti. Fil-fatt, il-konvenut qatt ma deher ghall-ebda seduta quddiem il-perit legali u l-avukat tieghu sussegwentement irrinunzja ghall-patrocinju tal-konvenut.

Illi l-attrici ipproduciet ukoll diversi xhieda *viva voce*. ***"G"*** ghan-nom tad-Direttur tat-Traffiku, xehed illi l-attrici m'gandha l-ebda vettura registrata fuq isimha, filwaqt illi l-konvenut ghandu mutur ta' l-ghamla Suzuki bin-numru ta' registrazzjoni FAJ 854 li ilu registrat fuq ismu mill-10 ta' Lulju 1997 kif ukoll vettura ta' l-ghamla Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni JBA 208 illi ilha registrata fuq ismu mill-20 ta' Novembru 2002.

Illi ***"I"***, omm l-attrici xehdet, ikkoroborat u ikkonfermat dak kollu li xehdet l-attrici. Hi qalet illi kienet hi illi zammet lil bintha l-attrici milli taghmel u tezebixxi certifikati medici *in sostenn* tal-vjolenza subita. Omm l-attrici qalet illi s-swat beda cirka sitt xhur wara z-zwieg. Hi spjegat kif giet misruqa mill-konvenut u li l-konvenut stess kien ammetta maghha dan kollu. Spjegat ulterjorment illi l-konvenut kien

jibza illi ser jisparawlu peress illi ma kienx qed ilahhaq mad-djun tieghu. Hi kellha konferma tad-djun ghax gieli terzi persuni stess, bhal Joe tal-*grocer,* qalilha li kien ser imur id-dar taghha stess sabiex jigbor il-flus. In kontro-ezami, ***"I"*** cahdet illi bintha marret il-*Luna Hotel* ma' certu ***"J"***, u dan ghax dejjem raqdet id-dar maghha.

Illi ***"K"***, rapprezentant ta' l-ETC, xehed illi l-ahhar impjieg tal-konvenut kien fis-16 ta' Settembru 1999 u li bhalissa (f'Lulju 2003} l-konvenut m'huwiex impjegat u m'huwiex qed jirregistra.

Illi ***"L"***, rapprezentanta ta' l-HSBC xehdet illi l-attrici ghandha savings account f'isimha mizmum mill-fergha ta' Bormla bin-numru 404246569 li huwa tat-tip karus *account* – senjatament *account* ***"B"***. Il-kont ghadu miftuh u juri bilanc ta' sitt liri maltin u tmienja u tlettin centezmu (Lm6.38) (Vide Dok. "CF 1").

Illi a rigward is-*savings account* f'isem iz-zewg partijiet kien hemm kont mizmum fil-fergha ta' Bormla illi issa nghalaq u li kellu n-numru 404190067. Dan il-kont inghalaq fl-20 ta' Frar 1996. (vide Dok. "CF 2"). Riprodotta ***"L"*** ikkonfermat illi l-konvenut ghamel diversi transazzjonijiet mill-kont kongunt illi komplessivament jilhqu l-ammont ta' cirka elfejn Liri Maltin (Lm2,000).

Illi ***"M"***, rapprezentant tal-BOV, xehed illi l-attrici ma ghandha l-ebda kont fuq isimha u li ***"C"*** ghandu *savings account* bin-numru 40011933566 mizmum fil-fergha ta' *Palace Square*, Valletta, liema kont infetah fis-17 ta' Settembru 2002.

Illi ***"N"***, rapprezentant tal-*Head Licensing and Testing Directorate* xehed a rigward il-vettura JBA 208 Hyundai Accent hadra tghajjat prezentament lill-konvenut (ID 568764 M), fl-indirizz li fih irregistrat huwa Block 2, Number 5, St.Paul's Church Area, Cospicua. Abela ikkonferma illi l-vettura mhix imhallsha kollha u dan jafu minhabba restrizzjoni f'Regulation 26.

Illi l-attrici ippresentat ukoll kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Illi l-**konvenut** qatt ma ressaq provi, qatt ma deher fl-ebda seduta, u wera disinteress totali fil-proceduri odjerni, u dan kollu *nonostante* t-tentattivi tal-perit legali li nnotifikah bis-seduti anke permezz ta’ ittri registrati, t-tentattivi ta’ l-avukat tieghu u l-ingunzjonijiet kollha mahruga mill-attrici.

Illi hemm biss id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut. F’din id-dikjarazzjoni guramentata naturalment ipprezentata kontestwalment ma’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, il-konvenut iddikjara illi z-zwieg tkisser ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici, senjatament minhabba l-adulterju ta’ l-attrici. Fil-fehma tal-konvenut kienet l-attrici stess illi abbandunat ghal kollox il-htigijiet matrimonjali tal-familja ***“A + C”***, u ghalhekk il-komunjoni tal-akkwisti ghandha tirrispekkja proporzjonalment il-hidma ta’ kull naha. *Inoltre* l-attrici ghal diversi xhur ma tatx kaz il-htigijiet u l-bzonnijiet tat-tifla minuri ***“B”*** fejn kien l-istess konvenut li ha hsieb it-tifla kontinwament. Il-konvenut ulterjorment iddikjara illi l-attrici qieghda kontinwament tara ragel iehor u li, fil-fehma tieghu, dan zgur mhuwiex tajjeb ghat-trobbija ta’ l-istess tifla minuri ***“B”*** illi kienet gieli anki fil-presenza ta’ dan l-istess habib intimu ta’ l-istess attrici. L-attrici marret ma’ ragel iehor u l-konvenut ikkonferma illi jinsab disokkupat. Kienet l-attrici, iddikjara l-konvenut, illi abbandunat lil zewggha.

Illi b’referenza ghat-talbiet attrici, il-Qorti hija ta’ l-opinjoni, u hawn taqbel mal-perit leali minnha nominat li jezistu ragunijiet validi u sufficjenti fil-Ligi sabiex tigi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u konsegwentement tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, u dan minhabba senjatament sevizzi, minacci, insulti, u ingurji gravi illi l-konvenut ikkommetta fil-konfront ta’ martu l-attrici; u wkoll ghaliex iz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tkisser irremedjabilment u dan kollu ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut.  Pero’ jirrizulta wkoll li wara li telqet mid-dar il-attrici ikkomettiet adulterju.

Illi dwar manteniment jirrizulta li l-konvenut ma ghandu l-ebda introjtu ghalkemm din il-Qorti thoss li l-konvenut huwa responsabbli ghall-hlas ta’ manteniment ghal bintu ***“B”***, izda m’ghandux jigi kkundannat ihallas ammont bhala manteniment ghall-attrici u dan peress li jirrizulta li l-istess attrici llum bniet hajja gdida ma’ ragel iehor *stante* illi kellha tarbija minghand ragel iehor (haga illi kkonfermata bil-gurament taghha stess fis-seduta tal-15 t’April 2004) u dan jikkostitwixxi fih inniffsu prova ta’ adulterju u b’hekk iddeakdiet mid-dritt ta’manteniment taghha kontra l-konvenut.

Illi l-kura u l-kustodja ghandha tigi fdata esklussivament f’idejn l-attrici, bi dritt ghal *supervised access* ghall-konvenut ghalissa darba fil-gimgha, u cjoe’, kull nhar ta’ Sibt bejn it-3.00.p.m. u l-4.00.p.m, bil-fakulta’ illi tali access jizdied jekk ikun hemm rakkomandazzjoni f’dan is-sens mill-Agenzija Appogg li hawn qed tigi nnominata sabiex tiehu hsieb l-istess *supervised access* visits fil-bini ta’ l-Agenzija Appogg u dan ghandu jizdied biss jekk dan ikun mehtieg fl-interess tal-minuri.  L-istess Agenzija Appogg ghandha tiehu konjizzjoni ta’ l-istat tal-konvenut qabel ma’ tiehu decizjoni bhal din u wkoll ir-rapport tal-perit legali u ix-xewqat tal-minuri.

Illi l-attrici ghandha tigi awtorizzata wkoll tirriverti ghal kunjom xbubitha, jigifieri ***“D”***.

Illi minhabba ir-ragunijiet premessi fil-konfront tal-konvenut ghandu jigi applikat fl-*intier* tieghu l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** u dan ghaliex hija l-opinjoni ta’ din il-Qorti li mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici ppruvat li konvenut kien hati lejha ta’ sevizzi, minacci, insulti w ingurji gravi, u fil-fatt jirrizulta kkoroborat li l-konvenut kien jahqar lill-attrici, kien jhedded lill-istess u anke jerfa’ idejh fuqha, u wkoll zamm lill-attrici u  lil bintha fil-bzonn, tant li waqqaf jahdem anke b’kapricc, seraq anke affarijiet ta’ l-attrici u wkoll ghamel diversi dejn ma’ terzi, u fil-fatt hemm prova ta’ vjolenza kemm fizika kif ukoll morali, serq ta’ flus u oggetti tad-deheb mill-konvenut fil-konfront ta’ l-attrici.

Illi minhabba dan l-attrici ma setghatx izjed tghix mieghu u ghalhekk sehhet din is-separazzjoni ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut. Illi min-naha l-ohra l-**artikolu 48 (1) (d) tal-Kap 16** ghandu jigi applikat fil-konfront ta' l-attrici *stante* li wara li sehhet is-separazzjoni *de facto* jirrizulta li l-istess attrici ikkometiet adulterju.

Illi minhabba dak premess u b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** kontra l-konvenut din il-Qorti tordna li l-assi tal-komunjoni konsistenti senjatament f'Seat Ibiza {Suzuki mutur u Hyundai Accent – dejjem jekk dawn ghadhom jezistu}, jigu assenjati lill-attrici, li pero' qed tigi lliberata mid-djun kollha inkorsi mill-konvenut u ghalhekk kull dejn gravanti lill-komunjoni qed jigi assenjat lill-konvenut.

Illi l-attrici qed tinghata dritt ta' rimbors mill-konvenut fl-ammont ta' elf Liri Maltin (Lm1,000) dovuti bhala s-sehem taghha emergenti minn transazzjoni ta' elfejn Liri Maltin (Lm2,000) illi saret mill-konvenut mill-kont kongunt tal-partijiet kontendenti u din il-Qorti fuq dan tirreferi ghar-rapport peritali u taqbel dwar dak provdut dwar l-istess.

Illi hlief ghal dak fuq indikat ma' ngabet l-ebda prova dwar assi ohra appartenenti ghall-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti b'effett mid-19 ta' Awissu 2001, b'dan li apparti ghal dak premess kull parti ghandha zomm il-mobbli kollha li ghandha fil-pussess taghha jew tieghu filwaqt li kull parti tibqa' responsabbli ghal kull dejn li dahlet fih hija, b'dan li konvenut huwa responsabbli ghal kull dejn li huwa personalment inkorra anke sakemm kienet tghix mieghu l-attrici.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonjiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti konjugi ***"A + C"*** minhabba, sevizzi, minacci, insulti u ingurji gravi li l-konvenut ikkommetta kontra martu l-attrici, u li kawza ta' l-istess iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment; l-istess konvivenza ma' ghadhiex aktar possibbli ghaliex wara dan l-attrici kkomettiet adulterju;

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b'effett mid-19 ta' Awissu 2001;

3. u 4. Tilqa' t-tielet u r-raba' talba attrici biss fis-sens fuq indikat b'dan li minhabba dak premess u b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** kontra l-konvenut din il-Qorti tordna li l-assi tal-komunjoni konsistenti senjatament f'Seat Ibiza {Suzuki mutur u Hyundai Accent – dejjem jekk dawn ghadhom jezistu}, jigu assenjati lill-attrici, li pero' qed tigi lliberata mid-djun kollha inkorsi mill-konvenut u ghalhekk kull dejn gravanti lill-komunjoni qed jigi assenjat lill-konvenut.

Illi l-attici qed tinghata dritt ta' rimbors mill-konvenut fl-ammont ta' elf Liri Maltin (Lm1,000) dovuti bhala s-sehem taghha emergenti minn transazzjoni ta' elfejn Liri Maltin (Lm2,000) illi saret mill-konvenut mill-kont kongunt tal-partijiet kontendenti u din il-Qorti fuq dan tirreferi ghar-rapport peritali u taqbel dwar dak provdut dwar l-istess b'dan ghalhekk li din il-Qorti tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf Liri Maltin (Lm1,000) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament.

Illi apparti dan kull parti ghandha izomm il-mobbli kollha li ghandha fil-pussess taghha jew tieghu filwaqt li kull parti tibqa' responsabbli ghal kull dejn li dahlet fih hija, b'dan li konvenut huwa responsabbli ghal kull dejn li huwa personalment inkorra anke sakemm kienet tghix mieghu l-attrici.

5. Tilqa' din it-talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri ***"B"*** lill-attrici, bi dritt ghal *supervised access* ghall-konvenut ta' darba fil-gimgha, u cjoe', kull nhar ta' Sibt bejn it-3.00.p.m. u l-4.00.p.m., bil-fakolta' illi tali access

jizdied jekk ikun hemm rakkomandazzjoni f'dan is-sens mill-Agenzija Appogg li hawn qed tigi nnominata sabiex tiehu hsieb l-istess *supervised access visits* fil-bini ta' l-Agenzija Appogg u dan ghandu jizdied biss jekk dan ikun mehtieg fl-interess tal-minuri; l-istess Agenzija Appogg ghandha tiehu konjizzjoni ta' l-istat tal-konvenut qabel ma' tiehu decizjoni bhal din u wkoll ir-rapport tal-perit legali u ix-xewqat tal-minuri u ghal dan l-iskop din il-Qorti tordna lill-attrici tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg, sabiex l-istess Agenzija taderixxi ruhha ma' l-istess fl-interess suprem tal-minuri.

6. Tichad it-talba ghall-manteniment ta' l-attrici minhabba dak fuq deciz izda tilqa' l-kumplament ta' l-istess talba biss fis-sens li tiddikjara li l-konvenut ghandu l-obbligu li jmantni lil bintu izda la darba ma ingabet l-ebda prova li l-istess konvenut ghandu xi forma ta' introjtu, tali ammont ta' alimenti pagabbli mill-konvenut ghall-manteniment tal-minuri ma jistax jigi likwidat permezz ta' din id-decizjoni;

7. Tapplika kontra l-imsemmi konvenut *in toto* l-effetti tad-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili**, u tapplika wkoll fil-konfront ta' l-attrici biss id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 (1) (d) tal-Kap 16;**

8. Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` ***"D"***.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------